# *Il-Bidla li saret f'100 sena ta' ħajja*

minn Edward Camilleri

Is-sena li ġejja taħbat is-sena lejlet is-Sena 2000 wara Kristu. Is-sena 1999 kienu għażiża għalina lkoll u b'mod speċjali għalina wlied din il-parroċċa. Għal dawk li jkun għadhom hawn is-sena li ġejja għandha ġġib magħha tifkirijiet sbieħ, l-aktar din taċ-ċerimonja ta' l-inkurazzjoni tax-xbieha tal-Madonna meqjuma fis-Santwarju. Din iċ-ċerimonja, t-tielet waħda li saret f'Malta, saret fl-24 ta' Settembru 1899, kważi mitt sena ilu. Mitt sena fil-ħajja tal-bniedem huma għomor twil iżda f'ħajja ta' parroċċa huwa żmien qasir. Iżda f'dan iż-żmien fil-Mellieħa saret bidla kbira. Minn raħal ċkejken u minsi, tista tgħid maqtugħ mill-kumplament tal-gżira, sar raħal kbir f'żona turistika li fiha ammont ta' kummerċ. Imma, mitt sena ilu l-istorja ma kinitx hekk. F'ittra li nkitbet minn Malta lill-Papa Ljun XIII nsibu dan il-kliem dwar il-Mellieħa, "Ir-raħal hu żgħir u fqir u jinsab fir-rokna l-iżjed imbegħda tad-djoċesi". Dan juri kif kienu jħarsu lejn il-Mellieħa xi Maltin dak iż-żmien.

Il-Mellieħa ta' mitt sena ilu kienet ferm differenti mill-Mellieħa li nafu llum. Jekk qatt rajtu xi pittura tal-Mellieħa f'dak iż-żmien tinnottaw li l-ftit bini li kien hawn kien madwar il-pjazza t'isfel ta' Triq il-Kbira. Ma taraw xejn mill-ħafna bini ġdid li llum naraw fuq l-Għoljiet tal-Mellieħa jew fuq ix-xaqliba ta' Pennellu u taċ-Ċikken. Irridu nżommu f'moħħna li din l-art, illum miksija bil-bini, dak iż-żmien kienet blat u xagħri fejn il-kaċċaturi kienu jduru għall-kaċċa u n-nisa u x-xebbiet kienu jieħdu n-nagħaġ u l-mogħżiet tagħhom biex jirgħaw, u fis-sajf, filgħodu kmieni, kienu jmorru jaqtgħu x-xewk u wara jagħtuh lil tal-forn biex iħallsuh talli kienu jaħbżu l-ħobż. Dak iż-żmien kull familja Melleħija kollha taħseb għall-għaġna ħobż tal-ġimgħa. Ma kontx issib tixtri ħobża kif issib illum. In-nisa kienu jaqtgħu x-xewk fis-sajf biex matul is-sena jużaw il-forn. Kos mur għid in-nisa u x-xebbiet tallum jaqtgħu x-xewk għall-forn. Kemm jitbiddlu ż-żminijiet!

**Faqar u Għaks**

Kien żmien ta' faqar. Ma tantx kien hawn xogħol. Min kien jaħdem kellu paga żgħira. Ftit kienu dawk li jaqilgħu skud kuljum (anqas minn 10 ċenteżmi) u l-ftit flus li kienu jaqilgħu kienu jibżgħu għalihom. Il-ħajja ma kenitx għolja. Bi ftit soldi kont tagħmel xirja dak iż-żmien. Imma kienet iebsa li tfittex sold u ma ssibhux. Kien żmien ta' tbatija.



U billi fil-bidu semmejt il-festa ta' l-Inkorunazzjoni ma rridx nħalli barra s-sehem li kellhom l-irġiel u n-nisa ta' dawk is-snin fil-bini tal-knisja l-ġdida tal-Mellieħa. Taw sehemhom mhux biss fil-għoti tal-flus biex ix-xogħol tal-knisja jkompli miexi, iżda biex bil-bhejjem tagħhom iġorru l-ġebel mill-barriera ta' l-Aħrax sal-pont fejn kien isir il-bini. In-nisa kemm jgħinu biex jiġbru l-ħamrija li kienet tintuża fil-bini tal-ħitan tal-knisja u kien jġorru l-ilma fil-ġarar fuq rashom minn fuq l-Għolja tal-Mellieħa, l-uniku post li minnu setgħu jġibu l-ilma, ħlief dawk li kellhom il-bir fid-dar. Mill-bqija ma kienx hemm ilma tal-vit fid-djar. Dawn l-antenati tagħna ħaqqhom kelma ta' tifħir u jixraq li ngħidulhom "Grazzi".

Kienu żminijiet oħra li għaddew fl-istorja tal-parroċċa tagħna. Għalkemm ngħidu li l-istorja tirrepeti ruħha, naħseb li hemm xi ħwejjeġ li mhumiex se jirrepetu ruħhom per eżempju qatt ma noħlom li se nerġgħu naraw serbut karettuni sejrin lejn l-Aħrax minflok il-karozzi li naraw nhar ta' Ħadd filgħaxija.

**Id-dehra tas-Santwarju**

Id-dehra tas-Santwarju nbidlet ħafna u inbidlet għall-aħjar. Irridu niftakru li sa 60 sena ilu, s-santwarju kien iservi ta' ċimiterju għall-biċċa l-kbira tan-nies li kienu jmutu fil-Mellieħa. Fiċ-ċimiterju kienu jindifnu ftit nies. Kienu jindifnu dawk biss li kienu jmutu b'xi morda li tittieħed jew b'xi deni qawwi. U dawn kienu jkunu ftit. Meta ġie Dun Franġisk Xuereb bħala

kappillan fis-santwarju saret bidla kbira fih. L-art inksiet bl-irħam u l-ħitan tal-knisja ħadu dehra sabiħa li dak l-irħam fin li sar mal-ħitan.

Minn dan il-ftit li ktibt tindunaw bil-bdil li kien hawn fil-Mellieħa. F'xi każi kien bdil għall-aħjar u f'xi affarijiet kien bdil għall-agħar. Waqt li morna 'l quddiem fil-ħajja soċjali nħoss, almenu kif naħseb jien, li morna lura fid-dixxiplina persunali, fl-onestà u fil-fiduċja tagħna f'xulxin u jidher li ħafna tilfu il-valur tal-ħajja tas-sagrifiċċju. Għal xi wħud l-importanti hu kemm għandek flus. L-irġulija saret marbuta mal-flus u mhux mal-valuri Nsara. Nixtieq li l-valuri Nsara jerġgħu jixxettlu fiż-żgħażagħ tagħna għax jekk ikollna dawn il-valuri jkun hemm pedament sod li fuqu tista' tibni għal li ġej u l-ġejjieni jkollu prospetti sbieħ li jnisslu tama. Jalla s-sena 2000 issibna qawwija f'dawn il-prinċipji Nsara. Dan ikun l-isbaħ rigal tas-Sena tal-Ġublew. Kif tafu bħal issa qed isir xogħol ta' restawr fil-kampnar tas-santwarju li nbena xi 250 sena ilu. Ħaqqhom kelma ta' tifħir l-iskultur Manwel Cini u l-ħaddiema tiegħu għax-xogħol delikat li qegħdin jagħmlu b'sengħa kbira. Nittamaw li sa Settembru tas-sena li ġejja dan ix-xogħol ikun lest u nispera li l-qniepen issirilhom it-tiswija li għandhom bżonn. Kienu dawn il-qniepen li daqqew in-noti tagħhom meta l-Mellieħa saret parroċċa, meta saru l-festi ta' l-Inkorunazzjoni tax-xbieha tal-Madonna u f'okkażjonijiet oħra ta' festa. Veru li fil-knisja l-kbira għandna sett qniepen b'leħen melodjuż iżda jixraq li s-sena li ġejja nisimgħu l-leħen tal-qniepen l-qodma li kellhom fis-santwarju għax dawn ukoll għandhom storja.

Mill-qalb nawgura lill-qarrejja kollha, lill-kleru, lill-każini u lill-Melleħin kollha festi sbieħ f'dan iċ-ċentinarju li qegħdin nippreparaw għalih. Nitolbu lil Marija Ommna żżomm il-ħarsa ħelwa fuqna u teħlisna mill-perikli kollha tar-ruħ u tal-ġisem. Ngħożżuha lil Madonna tal-Mellieħa.